**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Marzu, 2017**

**Kawża Nru 8**

**Rikors Nru. 1106/2016JRM**

**CAMILLERI PARIS MODE LIMITED** (C-16536)

vs

**A.L. PROJECTS LIMITED** (C-12622) ġja magħrufa bħala Auntie Lucy Limited (C-12622)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-5 ta' Diċembru, 2016, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' sebgħa u disgħin elf mitejn u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmi (€97,250.23) li tirrappreżenta l-valur ta' prezz ta' materjal konsenjat u prodotti ta' tiżjin għal użu fi djar u stabbilimenti kummerċjali, fuq talba tal-kumpanija mħarrka.

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali b'seħħ mill-konsenji u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpanija intimata li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka, biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmi (€79,250.23) rappreżentanti l-prezz ta' materjal konsenjat u mibjugħ kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-data ta' kull konsenja, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2017**